# F'JUM L-INGRESS TAL-MAHBUB ARĊISQOF MONS. MICHAEL GONZI D.D., L-EWWEL METROPOLITA TA' MALTA

## IT-22 TA' MEJJU, 1944.

*Tal*-Kan. A. Copperstone

Titkabbar b'jedd, u kif! il-Gżira tagħna
Bl-Isqof Mikiel tagħha r-Ragħaj ġdid,
B'ħerqtu u tjubitu, b'għerfu q'tigħ ferħana,
Ġawhr'oħra sbejħa f'rasha Ismu jżid.
Merħba, mitt Barka fit-Twajjeb Ragħaj,
Li wirt l-Appostlu f'ruħna għandu jżomm haj!
Missier għandn' aħna li minn Alla ġiena

Mimli bis-setgħa għal saħħet l-erwieħ:
Kewkba fil-lejl, fl-imrar qalb kollha ħniena,
B'għatx wieħed fih, li l-Kbir jiżreġ Rebbieħ.
Malta ommu-bintu mħeġġa sebħ tagħtih
B'talb li Mulejna b'ħafna għomor jagħnih
Idwi, ja Leħen, Leħen Kristu Sidna,

Għal ġieh is-Sew u d-duwa tad-drawwiet
Biex tabilħaqq Maltin, kif Inti tridna,
Minn Qasam Pubblju lkoll niksbu s-smewwiet.
Mal-ward u l-qniepen, fl-ogħla għajat ta' sliem
Qlubna nwegħduk sħaħ issa u bla tmiem.